**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (29)

Fil-kitba tal-lum se nlaqqagħkom ma' Sammy Busuttil - ex-president tal-club Regatta Bormla u ex-President tal-Għaqda Regatta ta' Settembru u Qdif ieħor. Fis-snin 80 Sammy kien attiv ħafna fir-Regatta Nazzjonali.

Niftakar lil Sammy kont għamiltu żewġ intervisti fi żminijiet differenti fuq Radju Kottoner, u għalhekk illum se nipprova fil-qosor ħafna, nislet xi siltiet interessanti minnhom li jagħtuna stampa ċara tad-distrett ta' Bormla kif ukoll tar-Regatta in ġenerali. Sammy beda hekk l-intervista tiegħu hekk:

"Jien Bormliż u minn dejjem kont inħobb ir-Regatta .... mindu kont tfal kont immur nara r-Regatta ma' missieri u s'intendi dejjem nissapportja lil Bormla.

"Darba, Alla jaħfirlu l-Matty Grima, li fiż-żmien li qed nitkellem dwaru kien jokkupa l-kariga ta' president tal-club tar-Regatta ta' Bormla kien ħajjarni biex nidħol magħhom fil-kumitat, u mill-ewwel sibt ruħi segretarju ta-club, u aktar tard bdejt nokkupa l-kariga ta' viċi president tal-club.

"Meta fil-bidu tas-snin 80 miet il-Matty, il-kumitat ħatarni president tal-club minfloku. Kien fl-istess żmien meta d-delegati tad-distretti li kienu membri tal-Għaqda Regatta Nazzjonali, ħatruni bħala president, u domt nokkupa din il-kariga għal diversi snin, imbagħad kien hemm suġġeriment li l-presidenza tal-Għaqda tibda ssir b'rotazzjoni u għalhekk kull distrett f'xi żmien jew ieħor ikollu l-presidenza tal-Għaqda.

"Ovvjament, wara li għadda l-"mandat" ta' kull distrett, jien erġajt mill-ġdid sibt ruħi president tal-Għaqda, li jien bqajt dejjem ngħożż f'qalbi għaliex din it-tradizzjoni minn dejjem kellha tifsira speċjali għalija.

"Barra hekk, jien kont membru fil-kumitat Olimpiku Malti. S'ntendi f'dan il-kumitat li jien kont bħala r-rappreżentant tar-Regatta Nazzjonali, għent u stinkajt ħafna biex isir it-titjib meħtieġ fl-organizzazzjoni tar-Regatta. Hawnhekk jien nirringrazzja lill-kollegi tiegħi mid-distretti kollha li ħadmu miegħi matul iż-żmien li kont president tal-Association, kif ukoll għal fiduċja kbira li huma dejjem urew fiha.

"Barra minn hekk jien dejjem rajt rispett kbir mill-membri tal-kumitati tad-distretti, u lkoll għenuni fil-ħidma tiegħi kemm domt f'din il-kariga."

*Sammy, nafu li r-Regatta Nazzjonali fl-imgħoddi kienet tiġi organizzata u titmexxa mill-Kollettur tad-Dwana. Minn meta, u x'kienet iċ-ċirkostanza li l-organizzazzjoni ġiet fdata fl-idejn l-Għaqda Regatta?*

"Dan kien is-snin 70. Kif għidt int, ir-Regatta tat-8 ta' Settembru sa nofs is-snin 70 kienet tiġi organizzata mill-Kollettur tad-Dwana li kien jieħu ħsieb kollox saħansitra anke għażla tal-membri tal-ġurija li ħafna minnhom kienu jkunu uffiċjali tad-Dwana. Fiż-żmien il-Ministru Lorry Sant, li kif taf kien ministru tal-Isport kien talab lill-Għaqda biex tibda tieħu ħsieb hi torganizza r-Regatta Nazzjonali, u l-gvern jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha biex jiġi organizzat dan l-avveniment sportiv ta' kull sena fil-Port il-Kbir f'nhar il-Vitorja."

*Tista' tagħtini idea xi kemm kienu jinvolvu spejjeż min-naħa tal-gvern biex l-Għaqda tar-Regatta torganizza dan l-avveniment annwali, kif ukoll xi preparazzjonijiet isiru fil-Port il-Kbir?*

"Staqsejtni dwar l-ispejjeż li joħroġ il-gvern biex ta' kull sena tiġi organizzata r-Regatta ta' Settembru ... issa magħha trid iżid ukoll ir-Regatta tal-31 ta' Marzu.

"Ngħidlek li biex isiru dawn iż-żewġ tiġrijiet il-gvern joħroġ eluf kbar ta' liri. Tinsiex, li l-gvern barra l-ispejjeż tal-paljijiet, sussidju li jagħti lil kull club, il-premjijiet u t-tazzi li jagħti lir-rebbieħa ta' għaxar kategoriji ta' tiġrijiet, l-għajnuniet lill-clubs, is-sigurtà waqt it-tigrija fuq l-art u l-baħar u x-xogħol min-naħa ta' l-awtorità tal-port biex jingħalaq il-kanal bil-planki li fih isiru dawn it-tiġrijiet tradizzjonali minn Ras Ħanżir sad-Dwana.

"Sa ftit tas-snin ilu, l-għeluq tal-Kanal kien isir bil-planki ta' l-injam minn John Brincat u Rene Zammit, li kienu jorbtu l-planki waħda mal-oħra minn Ras Ħanżir sa quddiem id-Dwana, iżda aktar tard, minflok bil-planki beda jingħalaq b'sistema ta' bagi marbutin ma' xulxin.

Fl-iStarting Line kien jintrama wire tal-azzar min-naħa tal-Belt (shed 26) għall-moll ta' Ras Ħanżir, u matulu f'distanzi ugwali, jorbtu sitt ħbula biex jindikaw il-lanes ... illum għandna seba' lanes, bl-ewwel waħda tkun fuq in-naħa tal-belt, u s-seba' waħda n-naħa ta' Kordin.

"Qabel, sas-snin 90, kull distrett kien jipparteċipa b'żewġ dgħajjes f'kull kategorija u għalhekk kellna 12-il lane, iżda meta l-kanal djieq, id-distretti bdew jieħdu sehem b'dgħajsa waħda. Wara, maż-żmien saret kategorija 'Reserve', u għalhekk f'kull Regatta bdew isiru għaxar tiġrijiet maqsumin f'żewġ kategoriji.

"Il-Finishing Line huwa linja dritta mid-dwana għall-arloġġ tal-Birgu. Maż-żmien introduċejna wkoll l-Photo Finish fir-Regatta, u għalhekk inqata' darba għal dejjem dak l-inkwiet li kien jinqala' kważi ta' kull sena, meta żewġ dgħajjes jidħlu ras 'imb ras flimkien, u konna ndumu ħafna ħin sakemm il-ġurija tiddikjara ir-rebbieħ.

"Ara kemm hu tajjeb il-Photo Finish, niftakar li darba daħlu żewġ dgħajjes flimkien, li anke bil-photo finish kienet diffiċli ħafna biex tiddendifika liema minnhom daħlet l-ewwel.

"Hawnhekk il-ġurija sejħet lir-rappreżentanti kollha tad-distretti u tat palju lil tnejn... immaġina int li kieku ma kellniex dan l-apparat x'kien jinqala' d-dwana?"

*Fis-snin 90 kienet inħatret kummissjoni li fiha kienet involuta wkoll l-Għaqda tar-Regatta. Kien proprju fi żmien din il-kummissjoni li kienet inqalgħet il-kwistjoni tat-tiġrijiet taż-żgħażagħ?*

"Iva, din il-kummissjoni kienet magħmula mir-rappreżentanti tar-Għaqda tar-Regatta Nazzjonali ( jien u s-segretarju), membri tal-ġurija, rappreżentanti tal-festi Nazzjonali, u oħrajn.

"Bħala chairman kien il-president tal-Festi Nazzjonali, li f'din l-epoka kien is-Sur Alfred Chetcuti li kien is-segretarju privat tal-Prim Ministru Fenech Adami.

"Niftakar li fost il-membru ta' din il-kummissjoni kien hemm Bertie Muscat, Albert Callus u Bertu Portelli. S'intendi kien hemm diversi issues dwar ir-Regatta Nazzjonali li ġew diskussi f'dawn il-laqgħat ta' din il-kummissjoni fosthom it-tiġrijiet taż-żgħżagħ.

"Issa dan l-aħħar, peress li konna ħafna persuni f'din il-kummissjoni ċekknuha, iżda jien u Toni Cauana (is-segretarju) bqajna nippreżentaw l-Għaqda tar-Regatta.

Dwar il-kwistjoni (Kategorija taż-żgħażagħ) aħna tlabna lill-Kummissjoni tar-Regatta biex minbarra l-Kategorija 'B' tas-soltu, issir oħra flok tat-tfal, anzi, jien issuġġerejt li ssir 'Youths and Reserves', iżda l-kummissjoni min-naħa tal-gvern ma aċċettatx, għar-raġuni, li meta saret ix-Shield, din kienet saret espressament għat-tfal.

"Meta bdew dawn it-tiġrijiet kienu saru għaż-żgħażagħ ta' Taħt it-18-il sena, imbagħad saru għal ta' Taħt il-21 sena, iżda issa ġejna f'sitwazzjoni li m'għandniex żgħażagħ biex jieħdu sehem fiha, u għalhekk il-kummissjoni ssuġġerit li tgħolli l-età minn 21 sa 23, għalkemm sostnew li kien ikun aħjar li kieku għamlulha 25 mill-ewwel biex żgur nibqgħu nsibu żagħżagħ li jipparteċipaw fir-Regatta Naz-zjonali.

"Niftakar li meta kienet inħatret il-kummissjoni Regatta min-naħa tal-gvern, kien hemm fiha delegati mill-clubs kollha bħala rapprenżentanti.

"Darba kien ċempilli s-Sur Alfred Chetcuti li f'dak iż-żmien kien segretarju tal-Prim Ministru, u bħala chairman tal-Kumitat Festi Nazzjonali kien stedinni biex ikun membru tal-bord, s'intendi bħala rappreżentant tar-Regatta Nazzjonali.

"Ta' kull sena jien bqajt niġi maħtur mill-gvern. F'dawn il-laqgħat tal-kummissjoni ġie li ġie mistieden ukoll Brydon Borg.



Taqtiegħa għat-tieni post bejn il-Kajjikki ta' Bormla u tal-Isla fl-aħħar ftit metri tal-korsa tal-Kajjikki Kategorija 'B' fl-1974